MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 9/2011

Il-Pulizija
(Sp Bernard Spiteri)
vs
Jean Paul Azzopardi, iben Jason, imwieled Pieta' fit-23 ta' Lulju, 1993, Karta ta' l-Identita numru 345193(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fid-9 ta' Diċembru, 2010, f'xi ħin matul il-ġurnata ġewwa l-officini tal-'Access' li jinsabu l-Birgu:
1. ikkometta serq ta' laptop tal-għamla Samsung għad-dannu ta' Peter Farrugia, liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbeż €232.94 iżda mhux aktar minn €2,329.37;

2. Iaqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u xjentement, b'kull mod, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. għamel delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mogħtija fl-20 ta' Mejju, 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) liema sentenza hi definittiva u ma tistax tinbidel;
4. sar reċidiv skont l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali, billi hu kien ġie misjub ħati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta li saru definittivi u għaldaqstant ma jistgħux jinbidlu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' April, 2011 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-laptop ġie mogħti lura li sidu u lli l-valur tiegħu hu ta' €240.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-akkużi l-oħra miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(d), 267, 268, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta fl-ewwel udjenza, l-oġġett ġie ritornat u l-imputat hu minuri. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' xahrejn priġunerija. Rat is-sentenza tal-20 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat ġie ikkundannat għal piena ta' xahar priġunerija sospiża għal sena. Rat l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ta' xahar priġunerija tibda sseħħ mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------